MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 763/2003

**Marsaxlokk Sailing Club Company Limited**

**Vs**

**J and H Company Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess li bi skrittura privata tad-29 ta' Marzu, 1993, hawn unita bhala Dok. "A", s-socjeta' attrici kkoncediet lis-socjeta' konvenuta l-operazzjoni tar-*Restaurant, Bar* u *Pizzeria,* maghrufa bl-isem "Ta' Belen" f'Marsaxlokk u dan ghal perjodu ta' sitt snin mill-1 ta' Mejju, 1993 skond il-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati; illi t-terminu konvenut bejn

il-kontendenti skada u l-istanti nterpella lis-socjeta' konvenuta biex tirrilaxxja favuriha l-pussess tal-imsemmi fond flimkien mal-oggetti kollha proprjeta' tal-istanti illi jiffurmaw parti mill-operazzjoni u gestjoni tal-imsemmi negozju izda s-socjeta' konvenuta rrifjutat li taghmel dan; illi inoltre s-socjeta' konvenuta hija debitrici favur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' mija, erbgha u tletin elf u erba' mija u sebghin Lira flus Maltin (Lm134,470) bhala sehemha mill-imsemmija operazzjoni;

Tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-ftehim tad-29 ta' Marzu, 1993 fuq imsemmi gie terminat u ghalhekk ma ghadx ghandu effetti legali u vinkolanti bejn il-kontendenti u konsegwentement is-socjeta' konvenuta qeda tirritjeni u tipposjedi l-fond fuq imsemmi minghajr titolu legali.

2. Tikkundanna l-istess socjeta' konvenuta tizgombra mill-fond imsemmi fi zmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din il-Qorti.

3. Tikkundanna l-istess socjeta' konvenuta tirritorna flimkien mal-pussess tal-istess fond l-oggetti kollha lilha konsenjati biex topera l-imsemmija azjenda.

4. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mija, erbgha u tletin elf u erba' mija u sebghin Lira Maltin (Lm134,470) dovuti lilha skond l-imsemmija skrittura ghal operazzjoni tal-imsemmija azjenda kif skond l-anness prospett Dok. B; u dan bl-interessi skond il-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2001, 21 ta' Ottubru 2002, u 23 ta' Jannar 2003, u bl-imghax legali skond il-ligi.

B'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni.

Is-socjeta' konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 28 tal-process fejn eccepiet:**

1. Illi preliminarjament, din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu ta' kawza ohra u cioe' Citazzjoni Nru. 372/2003 TM fl-ismijiet "J & H Company Limited vs Marsaxlokk Sailing Company Limited" li qed tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta u differita ghat-22 ta' Jannar, 2004; f'din il-kawza qed jintalab illi jigi dikjarat u deciz 1) illi l-iskrittura tad 29 ta' Marzu, 1993 in kwantu tistipula awment ghall-kumpens fis-sitt sena tal-ftehim hija kolpita u afflitta b'simulazzjoni u l-effett reali hija illi l-obbligazzjoni hija bazata fuq konsiderazzjoni falza u l-verita hija illi l-obbligazzjoni hija minghajr kawza ; 2) illi l-obbligazzjoni tal-hlas ta' l-istess kumpens ghal wara s-sitt sena hija inezistenti 3) illi l-pretensjoni tal-konvenuta (attrici f'dina l-kawza) illi titlob l-ammont ghal ragunijiet ta' simulazzjoni u novazzjoni hija infondata; u 4) illi l-konvenuta iddekadiet mid-dritt il-pretensjoni u l-azzjoni li titlob u tezigi hlas a bazi tal-kumpens; qed tigi esibita kopja tac-citazzjoni Nru 272/2003.

2. Illi allura huwa lok li tinghata l-eccezzjoni ta' litispendentia;

3. Illi s-socjeta' attrici tiddifetta fl-interess guridiku necessarju biex tagixxi ghaliex mhijiex il- proprjetarju tar-Restaurant, Bar and Pizzeria "de quo".

4. Illi kif ser jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni, wara li ghadda t-terminu originali ta' sitt snin pattwit fl-iskrittura tad-29 ta' Marzu, 1993, is-socjeta' konvenuta baqghet taccetta kera u tohrog ricevuti; dan ifisser illi fil-verita' kien hemm novazzjoni tar-rapporti kontrattwali u fi kwalunkwe kaz ir-relazzjoni "de quo" kienet wahda lokatizja u l-kera baqa' jigi accettat wara t-terminu originali u japplikaw ghalhekk id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal a fol. 45;
Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenuti qed jitolbu li dina l-Qorti tissoprassjedi (ara l-ewwel eccezzjoni) jew li jkun hemm konnessjoni (ara tieni eccezzjoni) ta' dina l-kawza mal-kawza l-ohra imsemmija fl-ewwel eccezzjoni taghhom.

L-atturi qed joggezzjonaw ghal dina t-talba billi dawn huma zewg kawzi separati u t-talba tal-konvenuti fil-verbal imsemmi hija ntiza biss biex ittawwal il-proceduri ghall-kreditu ta' kera fuq fond kummercjali. Kull dewmien qieghed jikkaguna danni serji u pregudizzju lill atturi. Inoltre l-konvenuti qed jitolbu li l-kawzi jinstemghu kontestwalment f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza meta l-atturi diga ghalqu l-provi taghhom.

Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz ghandha tigi ezaminata t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-*litis pendentia* aktar milli t-talba ghas-soprasessjoni billi jekk tintlaqa' dina l-ahhar talba l-atturi ser ibatu pregudizzju qawwi.

L-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* hi bazata fuq l-artikolu 792 tal-Kap 12 li jipprovvdi li:-

"Meta titressaq kawza quddiem Qorti kompetenti, <u>wara</u> li tkun tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem Qorti kompetenti ohra, l-kawza mressqa l-ahhar <u>tista'</u> tigi mibghuta lil dina l-Qorti l-ohra."

L-elementi biex tigi stabilita dina l-eccezzjoni huma:

1. Li l-kawza trid tkun bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qed jagixxu fl-istess kwalita' - *eadem personae*;

2. Irid ikun hemm - *eadem res*;

3. It-talbiet irid ikollhom l-istess talba - idem ius, easdem causa petendi u dawn iridu jirrizultaw "ictu oculi"

Balzan vs Argento et 1.2.90 Vol LXX1V p3 p 429; Reznikow et vs Kotivov 24.3.94 Vol LXXV111 p3 p 170;

Il-konvenuti mal-eccezzjonijiet taghhom ipprezentaw kopja tal-kawza Citazzjoni Nru. 372/2003 (TM) fl-ismijiet “J & H Company Limited vs Marsaxlokk Sailing Company Limited” li qed tinstema’ minn din il-Qorti diversament presjeduta; f’din il-kawza qed jintalab illi jigi dikjarat u deciz 1) illi l-iskrittura tad-29 ta’ Marzu, 1993 in kwantu tistipula awment ghall-kumpens fis-sitt sena tal-ftehim hija kolpita u afflitta b’simulazzjoni u l-effett reali hija illi l-obbligazzjoni hija bazata fuq konsiderazzjoni falza u l-verita hija illi l-obbligazzjoni hija minghajr kawza ; 2) illi l-obbligazzjoni tal-hlas ta’ l-istess kumpens ghal wara s-sitt sena hija nezistenti 3) illi l-pretensjoni tal-konvenuta (attrici f’dina l-kawza) illi titlob l-ammont ghal ragunijiet ta’ simulazzjoni u novazzjoni hija nfondata; u 4) illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt il-pretensjoni u l-azzjoni li titlob u tezigi hlas a bazi tal-kumpens; qed tigi ezibita kopja tac-citazzjoni Nru 272/2003.

**Tikkunsidra**

Illi jirrizulta mill-atti tal-kawza li dina l-kawza u l-kawza l-ohra huma bejn l-istess partijiet u dawn qed ukoll jagixxu fl-istess kwalita’ - *eadem personae*;

It-talba attrici f’dina l-kawza u t-talba attrici fl-kawza l-ohra t-tnejn jiddependu minn l-istess ftehim li l-validita tieghu qed jigi kontestat. Mill-validita o meno ta’ dana l-ftehim tiddependi t-talba ta’ l-atturi f’dina l-kawza ghall hlas ta’ kumpens u ghall-izgumbrament.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti tikkonkludi li t-talba ghall-konnessjoni tal-kawzi ghandha tigi milqugha, anke f’dan l-istadju (ara art. 794 Kap. 12) u billi dina l-kawza giet istitwita wara l-kawza l-ohra 372/2003, il-Qorti tordna li dina l-kawza ghandha tintbaghat quddiem dina l-istess Qorti diversament presjeduta.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti
u tordna li dina l-kawza ghandha tinstema' flimkien mal-kawza l-ohra Citaz. 372/2003 TM u tibqa' differita' ghal dan l-iskop ghat-12 ta' Ottubru, 2004.
Spejjez riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------